31 ta' Mejju 2017
42/2017

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' ĠUNJU 2017**

Il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2017, fis-6:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-Parroċċi tal-Belt u tal-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu (Tas-Sliema), fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 3 ta' Ġunju, fl-4:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Marija Bambina, il-Mellieħa.

Il-Ħadd 4 ta' Ġunju, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fis-Solennità ta' Għid il-Ħamsin, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 11 ta' Ġunju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti li jattendu l-iskola San Anton, fil-kappella tal-Università, Tal-Qroqq.

It-Tnejn 12 ta' Ġunju, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jirċievi l-wegħda taċ-ċelibat tas-seminaristi Anton D'Amato u Bernard Micallef, li ser jiġu ordnati djakni, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-aħħar ġurnata tat-Tridu fil-Festa ta' San Filep ta' Aġira, Ħaż-Żebbuġ.

Il-Ħadd 18 ta' Ġunju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù (Corpus Christi) fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u wara jmexxi purċissjoni bl-Ewkaristija mat-toroq tal-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 24 ta' Ġunju, Solennità tat-twelid ta' San Ġwann il-Battista, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi purċissjoni bir-relikwa tal-qaddis ma' xi toroq tal-Belt, u Quddiesa Pontifikali bl-Għasar, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Katidral u membri tal-Ordni ta' San Ġwann,

fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta.

Il-Ħadd 25 ta’ Ġunju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Festa ta’ San Nikola, fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Fis-6.00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Madonna ta’ Lourdes, Raħal Ġdid.

It-Tnejn 26 ta’ Ġunju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jordna żewġ seminaristi u ħames reliġjużi fl-ordni tad-djakonat, fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta u fuq Radju Marija.

L-Erbgħa 28 ta’ Ġunju, fis-5:45 p.m. Monsinjur Arċisqof imexxi Translazzjoni Solenni u fis-6:00 p.m. jiċċelebra Quddiesa bl-Ewwel Għasar, lejlet il-Festa ta’ San Pietru u San Pawl, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta

Il-Ħamis 29 ta’ Ġunju, fit-7:45 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi purċissjoni sal-Knisja Parrokkjali ta’ San Pawl ir-Rabat. Fid-9:30 a.m., l-Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fis-Solennità ta’ San Pietru u San Pawl, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta.

Il-Ġimgħa 30 ta’ Ġunju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Ordinazzjoni Presbiterali, fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha tliet seminaristi u tliet reliġjuzi jiġu ordnati saċerdoti. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta u fuq Radju Marija.